MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 359/2015

**Hotel Damiani Limited**

**Vs**

**Oswald Arrigo Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Mejju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet premess illi l-attrici rendiet servizz lill-konvenuta fuq inkarigu ta' l-istess konvenuta fil-lukanda gestita mill-attrici u maghrufa bl-isem Hotel Damiani f'Bugibba.

Premess illi l-konvenuta hija debitrici ta' l-attrici fl-ammont ta' elf, erba' mija disgha u erbghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,449.59), prezz tas-servizzi debitament rezi mill-attrici fuq l-inkarigu tal-konvenuta, accettanti l-istess servizzi.

Premess illi ghalkemm il-konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-ammont minnha dovut, baqghet inadempjanti.

Premessi illi ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-attrici bir-rispett titlob lil dan ir-rispettabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' elf, erba' mija disgha u erbghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,449.59), previa kull provvediment jew dikjarazzjoi ohra opportuna.

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali dekorribbli mill-1 ta' Settembru, 2014 sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti tal-konvenuta fi proceduri gudizzjarji.

Is-socjeta' konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fit-2 ta' Gunju, 2015 fejn eccepiet illi s-socjeta' konvenuta tagixxi bhala agent tat-tour operator Spanjol maghruf bhala Transhotel;

Illi servizzi gew rezi mis-socjeta' attrici lil Transhotel, u mhux lis-socjeta' konvenuta;

Illi ghalhekk l-ammont mitlub m'huwiex dovut mis-socjeta' konvenuta izda minn Transhotel ta' Spanja. Is-socjeta' konvenuta tippreciza illi l-ammont li ghandha tithallas is-socjeta' attrici minghand Transhotel hija ta' elf, mija u disa' ewro u erbgha u erbghin centezmu (€1,109.44) u mhux ta'  elf, erba' mija disgha u erbghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,449.59).

ghaldaqstant it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Salv risposti ulterjuri.

Xehdet rapprezentant tas-socjeta' attrici li spjegat illi hija kellha ftehim mas-socjeta' konvenuta liema kuntratt gie esebiet kopja tieghu fejn is-socjeta'  konvenuta ftehmet bhala tour operator.

Is-socjeta' konvenuta talbet booking mas-socjeta' attrici liema booking baqghet ma hallsitx peress illi l-kumpanija estera kienet falliet.

Is-socjeta' konvenuta permezz tar-rapprezentant taghha spjegat illi hi ma kienetx responsabbli ghal dan il-hlas peress illi kienet biss agent u mhux tour operator.

F'dan il-kaz jidher illi s-socjeta' konvenuta  qed tipprova tidher illi kienet qed tahdem that zewg kappep mas-socjeta' attrici fejn dehrilha tuzaha l-kuntratt tal-Malta Hotels Online.com u fejn jidhrilha minghajr ma tindika fejn  u meta spjegat dan kollu lis-socjeta' attrici waqt illi n-negozjati kienet tuza l-kappa tal-agent.

L-unika spjegazzjoni li tghat is-socjeta' konvenuta hi li mal-booking tnizzel b'tipi zghira l-isfel fil-karta *'responsibility for payment for the above services rests with the tour operator mentioned above and not with Oswald Arrigo Limited any extras to be charged to the clients directly. When sending invoices please attach a copy of this accommodation voucher together with the invoice.'*

Pero' din il-kitba kinet tidher kemm taht Transhotel kif ukoll ghal Malta Hotels Online. Jigifieri ma kienx hemm differenza bejn wahda u ohra.

It-Tribunal, mid-dokumenti li gew ipprezentati huwa tal-fehma lli minkejja li tirrizulta din il-kitbha fil-voucher is-socjeta' konvenuta tibqa' responsabbli ghal hlas mitlub mis-socjeta' attrici. Tant iehor ukoll illi waqt is-smigh tal-kawza ma 'ttella ebda dubju 'lli s-servizz inghata.

L-ammont mitlub ghandu jonqos pero bil-5% commission u ghalhekk l-ammont dovut huwa ta' elf tlett mija u sebgha u sebghin ewro u hdax-il centezmu (€1,377.11).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta` elf tlett mija u sebgha u sebghin ewro u hdax-il centezmu (€1,377.11) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza.

Spejjez ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------